# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 1**

**Appell numru 343/99**

**Joseph u Benedict Zarb**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

**I. PRELIMINARI**

1. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar ippubblikat Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' April 1998 (skond l-artikolu 46 ta' l-Att Dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp, 1992), b'liema avviz, il-proprjeta' f'numru 5, Triq Mons. F. X. Zahra, maghrufa bhala Palazzo Bosio, f'Hal Balzan, giet skedata bhala Grad 1.

2. Fis-17 ta' Lulju 1999, Joseph u Benedict Zarb ("l-appellant") ressqu appell quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar ("Il-Bord") mill-imsemmija decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ("l-Awtorita'"). Huma

hallsu dritt ta' Lm80 dakinhar li intavolaw l-appell. Il-Perit ta' l-appellanti ressaq ir-ragunijiet li kienu jimmotivaw l-appell imsemmi permezz ta' ittra ricevuta mill-Bord fl-20 ta' Lulju 1999.

3. Quddiem il-Bord, l-Awtorita' ressqet zewg eccezzjonijiet preliminari li bihom eccepiet li l-Appell kien null :-

(i) peress li ma jistax isir appell konguntiv, u li, se mai, l-appellanti misshom appellaw separatament, u

(ii) peress li l-istess appell gie intavolat tardivament.

4. B'decizjoni moghtija fl-10 ta' Dicembru 1999, il-Bord laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' billi rritjena li ma jistax isir appell konguntiv u ghalhekk astjena milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess appell. Il-Bord testwalment qal hekk :-

> "Illi l-proprjeta' li giet skedata hija "Palazzo Bosio", Triq Mons. F.X. Zahra, Balzan, li giet iddikjarata skedata bhala ta' Grad 1 skond Policy UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura. L-Awtorita' qed tattakka l-validita' ta' l-appell fuq zewg punti : (1) li ma jistax isir appell konguntiv ; u (2) li l-appell gie ntavolat tardivament ;
>
> Dwar l-ewwel punt, il-Bord ga' kellu l-opportunita' li jiddikjara li mhux permess appell kumulattiv quddiem dan il-Bord. Ara f'dan is-sens, *Sliema Residents Association and Interested Neighbours kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar* (deciz fit-30 ta' Gunju, 1995, appell numru 274/94KA) u *Richard u Marie Louise, John u Diane Caruana, Victor u Joan Portelli, Anthony u Nadia Aquilina, Robert u Victoria Azzopardi, Raymond u Joan Galea, u Philip u Patricia Ann Gatt kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u b'digriet tat-18 ta' Lulju, 1997, gie kjamat fl-appell ir-Reverendu*

> *Raymond Francalanza f'isem il-Provincja Agostinjana* (deciz fis-27 ta' Frar, 1998, appell numru 390/96 KA);
>
> Ghalhekk, il-Bord qed jaghmel tieghu l-motivazzjonijiet moghtija f'dawn id-decizjonijiet hawn fuq imsemmija u qed jiddikjara l-appell null. Dwar l-eccezzjoni l-iehor il-Bord m'ghandux ghalfejn jitrattaha ladarba laqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita';
>
> Ghal dawn il-motivi l-Bord jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell."

5. Fit-23 ta' Dicembru 1999, l-appellanti intavolaw appell minn din id-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti. L-aggravju tal-appellanti huwa spjegat hekk :-

> "Illi r-rikorrenti huma ko-proprjetarji tal-proprjeta' f'numru 5, Mons. F. X. Zahra, Balzan, u ghalhekk ghandhom interess uniku f'din il-proprjeta' u konsegwentement ir-rikorrenti setghu jaghmlu appell uniku ;
>
> Illi r-rikorrenti jissottomettu bir-rispett li l-ligi bl-ebda mod ma tivvjeta li appell isir minn izjed minn persuna wahda. Ghalhekk il-kumulu fl-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma jwassalx fil-ligi ghan-nullita'. Pero' in realta' jekk hemmx kumulu jew le ta' appell jiddependi mill-interess tal-appellanti f'dak l-appell. Fil-kaz prezenti l-appellanti huma lkoll ko-proprjetarju tal-fond fir-rigward ta' liema sar l-appell u l-applikazzjoni ghall-izvilupp tal-fond saret minnhom konguntivament. Huwa ghalhekk evidenti li fl-appell mill-iskedar tal-proprjeta' l-interess taz-zewg appellanti huwa interess wiehed u konsegwentement l-appell huwa wiehed."

L-appellanti talbu li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-fuq imsemmija decizjoni tal-Bord tal-10 ta' Dicembru 1999, u b'hekk tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet fl-appell taghhom.

6. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar talbet lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord billi ssottomettiet hekk :-

"Illi l-istess Bord ibbaza n-nullita' tieghu fuq id-decizjonijiet li kien diga' ta l-istess Bord fid-decizjoni Sliema Residents' Association et li minnha sar appell quddiem din l-Onorabbli Qorti li sussegwentement gie cedut u fid-decizjoni Richard u Marie Louise Mifsud et versus il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et, fejn fi tnejn issir referenza ghall-Avviz Legali 7 ta' l-1993 kif emendat bl-Avviz Legali 169 ta' l-1995 li tistabbilixxi d-dritt li kull parti li tappella trid thallas id-dritt stipulat skond l-istess avviz u f'nuqqas iggib in-nullita' ta' l-istess proceduri.

Illi rrizulta li sar hlas wiehed ghan-nom ta' zewg appellanti li kien jammonta ghall-ammont dovut minn parti wahda minnhom biss u mhux minn tnejn. L-ammont dovut kien ta' Lm160.00 u f'nuqqas tal-hlas korrett skond l-istess avviz legali, jkun hemm in-nullita' ta' l-istess appell.

Illi l-interess guridiku ta' l-appellanti hu element necessarju biex kull wiehed mill-appellanti jista' jappella, izda element iehor li skond il-ligi jgib in-nullita' hu li kull wiehed mill-appellanti li jappella jrid ihallas l-ammont kif stabbilit fl-istess avviz legali u fil-kaz in kwistjoni kellu jithallas l-ammont ta' Lm80.00 ghal kull appellant li jappella.

Illi del resto, minghajr pregudizzju ghas-suespost, din id-decizjoni kienet decizjoni preliminari fuq punt procedurali li anki ghall-argument, jekk l-istess jigi revokat mill-Qorti ta' l-Appell, l-istess Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bhala Qorti ta' l-Appell, izda se mai ghandha tibghat lura l-atti lill-Bord biex din tkompli tiddeciedi l-punti legali l-ohra jekk hemm, tisma' l-meritu tal-kaz u tiddeciedi qabel hi l-mertu tal-kaz."

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>

7. Kif rajna, wara li z-zewg appellanti kellhom il-proprjeta' taghhom skedata mill-Awtorita', huma appellaw, flimkien u b'talba unika, quddiem il-Bord. Il-Bord iddecieda li l-appell taghhom kien null, billi "mhux permess appell kumulattiv quddiem dan il-Bord". Il-Bord immotiva din id-decizjoni tieghu billi ghamel semplici riferenza ghal zewg decizjonijiet precedenti tieghu.

8. Quddiem din il-Qorti, l-Awtorita' qieghdha issostni l-korrettezza ta' din id-decizjoni tal-Bord. Hija ghamlet riferenza ghall-Avviz Legali 7 ta' l-1993 (kif sussegwentement emendat). L-Awtorita' qieghdha tirritjeni li meta jkun hemm aktar minn appellant wiehed, <u>kull appellant</u> kien obbligat li jhallas almenu l-minimu ta' Lm80 biex l-appell ikun validu. F'dan il-kaz kien hemm <u>zewg</u> appellanti. Minflok ma thallas dritt ta' Lm160 thallas biss dritt ta' Lm80 u ghalhekk, skond l-Awtorita', il-Bord kien korrett li jiddikjara l-appell null billi l-appell ma kienx akkompanjat mid-dritt kollu li kellu jithallas.

9. Illi din il-Qorti ma tistax tikkondividi dan ir-ragunament. Huwa veru li r-regolament 4 tal-Avviz Legali jipprovdi s-sanzjoni tan-nullita' ghal dawk l-appelli meta dawn ma jkunx akkumpanjat mid-"dritt xieraq kif imfisser f'regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti". Pero', dan l-ahhar imsemmi regolament ma jghidx dak li qieghdha ssostni l-Awtorita' f''dan l-appell, u cioe' li <u>kull</u> appellant fi proceduri ta' appell wiehed huwa obbligat li jhallas dritt separat, b'mod li d-dritt li ghandu jithallas ghandu jkun id-dritt stabbilit fir-regolamenti, li ghandu jkun immultiplikat bin-numru tal-persuni li isimhom ikun indikat bhala appellanti quddiem il-Bord. Kull ma tghid il-parti ta' din ir-regolament 5, li jinteressa l-appell odjern huwa dan :-

> "The fees to be paid as provided in sub paragraph (a) of paragraph (1) of regulation 3 of these regulations are the following :-

(a) in respect of appeals against a decision of the Authority …… 5% of the Development Permit Fee subject to a minimum of Lm80."

10. Qabel ma l-Bord iddeferixxa l-appell ghad-decizjoni dwar l-imsemmija eccezzjoni tan-nullita' ta' l-appell, ma tressqu l-ebda provi dwar l-interess ezatt li kellhom l-appellanti fl-appell u dwar kif id-decizjoni ta' l-Awtorita' li tiskeda l-fond in kwistjoni kienet sejra taffettwa d-drittijiet li kellhom l-appellant. Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 1999 il-partijiet kontendenti kienu debitament assistiti mill-avukati taghhom u ghalhekk qabel ma l-Bord iddiferixxa l-kaz ghad-decizjoni preliminari, jista' jkun, li saru xi sottomissjonijiet orali mill-istess Avukati. Hu xi m'hu il-kaz, ma jidhirx li huwa kontestat bejn il-kontendenti li z-zewg appellanti huma ko-proprjetarji tal-fond meritu ta' l-appell u li huma ghandhom interess uniku u kompletament identiku fir-rigward tad-decizjoni ta' l-Awtorita' li kienu qeghdin jipprovaw jimpunjaw quddiem il-Bord. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma ssib xejn proceduralment skorrett li jsir appell wiehed miz-zewg appellanti u fil-fehma konsiderata tal-Qorti, kien dovut, f'dan il-kaz partikolari, dritt wiehed ta' appell. Dan id-dritt effettivament thallas meta gie intavolat l-istess appell.

11. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-interpretazzjoni li ta l-Bord f'dan l-appell u cioe' li "mhux permess appell kumulattiv quddiem" il-Bord. B'hekk, il-Bord qieghed jinterpreta l-ligi fis-sens li ghandu jigi intavolat appell separat ghal kull persuna li thossha aggravata mid-decizjoni ta' l-Awtorita'. Bir-rispett kollu dovut, din l-

interpretazzjoni ma tidhirx wahda korretta ghaliex apparti l-fatt li l-Att numru 1 ta' l-1992 ma jghid espressament xejn f'dan is-sens, certament, anke quddiem il-Qorti Superjuri, fejn il-proceduri huma necessarjament ferm aktar formali, kawza wahda tista', u ta' sikwit issir, minn numru ta' atturi. F'dan il-kaz jithallas dritt wiehed ghall-prezentata tac-citazzjoni, u sa fejn taf il-Qorti, ir-Registratur qatt ma ppretenda li d-dritt tal-prezentata jigi mmultiplikat bin-numru ta' atturi li jidher fl-obbligu tac-citazzjoni.

12. Biex aktar jintwera kemm il-hsieb li janima l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili huwa 'l boghod mir-ragunament tal-Bord, wiehed jista' jaghmel riferenza ghall-artikolu 161 ta' l-istess Kodici. Dana l-artikolu espressament jipprovdi mhux biss ghall-kaz meta jkun hemm aktar minn attur wiehed, izda jahseb ukoll ghall-possibbilita' ta' <u>process wiehed,</u> mibdi b'citazzjoni wahda, <u>minn zewg atturi jew aktar</u>, li jkun <u>jirrigwarda aktar minn kawza wahda</u>. Din id-disposizzjoni kienet giet introdotta bl-Att Nru. Xiii tal-1985 u baqghet in vigore anke meta saru l-emendi importanti tas-sena 1995. Mhux ghax hemm strettament bzonn, izda semplicement ghall-kompletezza, il-Qorti sejra ticcita s-subartikolu (3) u (4) tal-istess artikolu 161 :-

> "(3) Zewg atturi jew aktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' citazzjoni wahda jew rikors wiehed skond il-kaz, jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra. Ir-raguni

ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu ddikjarati b'mod car u specifiku minn kull attur.

(4) Madankollu, kull wahda mill-kawzi li hemm jinbdew flimkien ghandhom jinstemghu separatament meta xi attur jitlob li jsir dan fil-kawza tieghu ; u l-Qorti tista' wkoll tordna li kawza ghandha tinstema' ghaliha meta ma jkunx espedjenti li l-kawzi ta' l-atturi kollha jinstemghu flimkien. Dik l-ordni tista' tinghata f'kull zmien tal-kawza qabel is-sentenza finali."

13. Huwa veru li l-Bord inghata s-setgha li jirregola l-proceduri tieghu (ara para 10 tat-Tielet Skeda annessa fuq l-Att Nru. 1 ta' l-1992). Pero', huwa daqstant veru wkoll li eccezzjonijiet ta' nullita' ta' atti gudizzjarji m'ghandhomx jintlaqghu facilment izda ghandhom jintlaqghu biss jekk ikunu jissusistu cirkostanzi gravi bhal ma jissemmew fl-artikolu 789 tal-imsemmi Kodici (Kap 12). Jekk dan il-principju jorbot, il-Qrati Ordinarji, l-istess principju ghandu jkun aktar u aktar applikabbli quddiem tribunali amminstrattivi bhal ma hu l-Bord. Dawn it-tribunali, appuntu, twaqqfu espressament bhala tribunali specjalizzati, intizi biex jipprovdu gustizzja sostanzjali, bi spedetezza, u b'anqas formalita' u rigorosita mill-Qrati Ordinarji.

14. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssib li l-Bord ma tax interpretazzjoni gusta u korretta tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli u b'hekk, hemm lok li l-appell jintlaqa' u d-decizjoni appellata tal-Bord tigi revokata.

15. Illi pero, m'huwiex il-kaz, li din il-Qorti tilqa' t-talbiet lill-appellanti fil-meritu, kif huma jippretendu, billi d-decizjoni tal-Bord li sejra tigi revokata, kienet wahda preliminari li tikkoncerna punt procedurali.

Ghalhekk, l-atti ghandhom jigu rimessi lill-Bord biex ikompli jitratta l-kaz skond il-ligi.

16. Ghal dawn il-motivi :-

Tilqa' l-appell, tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-10 ta' Dicembru 1999 u tirrimetti l-atti lill-Bord biex ikompli jisma' u jiddeciedi l-kaz skond il-ligi. L-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Dep/Reg

mg